**ID-DAĦLA TAL-MULEJ F'ĠERUSALEM**

**L-EWWEL QARI**
**Qari mill-Ktieb tal-Profeta Isaija**
**Is. 50, 4-7**

Il-Mulej Sidi tani lsien ta' wieħed mgħallem,
biex nagħraf ngħin lill-għajjien b'xi kelma.
Ta' kull filgħodu jqajjimli widinti,
biex nisma' bħal wieħed jitgħallem.
Sidi l-Mulej fetaħli widinti,
u jien ma webbistx rasi,
ma rġajtx lura.
Tajt dahri lil dawk li kienu jsawtuni,
ħaddejja lil dawk li kienu jnittfuli lħiti;
ma ħbejtx wiċċi mit-tagħjir u l-bżieq.
Sidi l-Mulej igħinni,
Għalhekk ma nitħawwadx;
għalhekk għamilt wiċċi bħaż-żnied:
jien naf li ma jkollix mniex nistħi.

**Il-Kelma tal-Mulej**
**Inroddu ħajr lil Alla**

**SALM RESPONSORJALI**
**Salm 21**
**Alla tiegħi, Alla tiegħi, għaliex tlaqtni?**

Dawk kollha li jarawni jidħku bija,
igħajbuni, iħarrku rashom u jgħidu:
"F'idejn il-Mulej intelaq; ħa jeħilsu hu!
Ħa jsalvah hu, għax bih jitgħaxxaq!''

**R/. Alla tiegħi, Alla tiegħi, għaliex tlaqtni?**

Ara il-klieb daru miegħi,
ġemgħa ta' nies ħżiena trossni;
taqqbuli idejja u riġlejja.
Nista' ngħodd għadmi kollu.

**R/. Alla tiegħi, Alla tiegħi, għaliex tlaqtni?**

Ħwejġi jaqsmu bejniethom,
għal-libsa tiegħi jaqtgħu x-xorti.
Imma int, Mulej, la titbegħidx!
Għajnuna tiegħi, fittex għinni!

**R/. Alla tiegħi, Alla tiegħi, għaliex tlaqtni?**

Inxandar ismek lil ħuti,
f'nofs il-ġemgħa nfaħħrek.
Faħħru l-Mulej, intom li għandkom il-biża' tiegħu:
sebbħuh intom ilkoll, ulied Ġakob!

**R/. Alla tiegħi, Alla tiegħi, għaliex tlaqtni?**

**IT-TIENI QARI**
**Qari mill-Ittra ta' San Pawl Appostlu lill-Filippin.**
**Fil 2, 6-11**

Ġesu' Kristu, li kellu n-natura ta' Alla,
ma qagħdx ifittex tiegħu li hu daqs Alla,
imma tneżża' minn kollox,
billi ħa n-natura ta' lsir,
sar jixbaħ lill-bnedmin,
u deher minn barra bħal bniedem;
ċekken lilu nnifsu,
billi obda sal-mewt,
anzi sal-mewt tas-salib.
Għalhekk Alla għollieh sas-smewwiet,
u żejnu bl-Isem li hu fuq kull isem,
biex fl-isem ta' Ġesu',
fis-sema, fl-art u f'qiegħ l-art,
Il-ħlejjaq kollha jinżlu għarrkobbtejhom,
u kull ilsien jistqarr:
"Ġesu' Kristu hu l-Mulej
għall-glorja ta' Alla l-Missier.''
**Il-Kelma tal-Mulej**
**Inroddu ħajr lil Alla.**

**Glorja u tifħir lilek, Kristu!**
Minħabba fina, Kristu obda sal-mewt,
anzi sal-mewt tas-salib,
għalhekk Alla għollieh sas-smewwiet,
u żejnu bl-Isem li hu fuq kull isem.
**Glorja u tifħir lilek, Kristu!**

**L-EVANĠELJU**
**IL-PASSJONI TA' SIDNA ĠESU' KRISTU SKOND SAN LUQA. Lq 22, 14-23, 56**

Ċ Meta sar il-ħin, Ġesu' qagħad fuq il-mejda flimkien ma' l- appostli, u qalilhom:
† "Kelli xewqa kbira li nagħmel din l-ikla tal-Għid magħkom qabel ma nbati! Għaliex, ngħidilkom, din l-ikla miniex se nagħmilha iżjed sa ma tkun seħħet għal kollox fis-Saltna ta' Alla.''
Ċ U qabad kalċi, radd ħajr u qal:
† "Ħuduh dan, u aqsmuh bejnietkom. Għaliex, ngħidilkom, minn issa 'l quddiem ma nixrobx iżjed mill-frott tad-dielja sa ma tiġi s-Saltna ta' Alla.''

Ċ Imbagħad ħa l-ħobż, radd ħajr, qasam il-ħobż u newwilhulhom, u qal:
†“ Dan hu ġismi li jingħata għalikom: għamlu dan b’tifkira tiegħi.”
Ċ Hekk ukoll wara l-ikla ħa l-kalċi u qal:
† “Dan il-kalċi huwa l-Patt il-ġdid b’demmi, id-demm li jixxerred għalikom. Imma, ara, dak li se jittradini qiegħda miegħi fuq il-mejda. Għax tassew li Bin il-bniedem imur, kif hemm maqtugħ, imma ħażin għalih dak il-bniedem li permezz tiegħu tiegħu jkun mogħti f’idejn l-għedewwa!’’
Ċ Huma għalhekk bdew jistaqsu lil xulxin dwar min minnhom kien se jagħmel dan. Inqalgħet ukoll kwistjoni bejniethom dwar min minnhom kellu jinżamm bħala l-akbar wieħed. Imma hu qalilhom:
† “Is-slaten tal-pagani jaħkmu fuqhom, u dawk li għandhom is-setgħa fuqhom jissejħu bnedmin li jagħmlu l-ġid lil għajrhom. Intom mhux hekk, imma l-akbar fostkom għandu jsir qisu l-iżgħar wieħed, u min hu fuq l-oħrajn isir qisu wieħed qiegħed jaqdi. Għax min hu l-akbar, dak li jkun fuq il-mejda, jew dak li jkun qiegħed jaqdi? Mhux dak li jkun fuq il-mejda? Imma jien ninsab fostkom qisni wieħed qiegħed jaqdi. Intom, imbagħad, intom dawk li bqajtu sħiħ miegħi fit-tiġrib kollu li ġie fuqi; u bħalma Missieri ħejja saltna għalija, hekk ukoll jiena nħejji għalikom, biex tieklu u tixorbu fuq il-mejda tiegħi fis-saltna tiegħi, u toqogħdu fuq tronijiet biex tagħmlu ħaqq mit-tnax-il tribu’ ta’ Israel. Xmun, ara, ix-xitan riedkom f’idejh biex igħaddikom mill-għarbiel bħal qamħ; Imma jien talbt għalik, biex il-fidi tiegħek ma tiġix nieqsa. Inti imbagħad, meta terġa’ ddur għas-sewwa, wettaq ‘il ħutek.’’
Ċ Qallu Xmun:
S “Mulej, jiena lest li miegħek niġi saħansitra l-ħabs, lest li nieħu l-mewt ukoll.’’
Ċ Imma Ġesu’ qallu:
† “Ngħidlek, Pietru, li llum is-serduk ma jiddenx qabel ma tkun ċħadt għal tliet darbiet li inti tafni!’’
Ċ Imbagħad qalilhom:
† “Naqaskom xi ħaġa meta bgħattkom bla borża u bla ħorġa u bla qorq?’’
Ċ Huma weġbuh:
S “Ma naqasna xejn.’’
Ċ Qalilhom Ġesu’:
† “Imma issa, min għandu borża jqis li jeħodha miegħu, u min għandu ħorġa wkoll; u min ma għandux sejf, ibigħ il-libsa ta’fuqu u jixtri wieħed. Għaliex, ngħidilkom, jeħtieġ li jseħħ fija dak li hu miktub, jiġifieri li ‘Kien magħdud mal-ħżiena.’ Tabliħaqq, dak li hemm miktub fuqi jseħħ.’’
Ċ Qalulu d-dixxipli:
S “Mulej, ara, hawn żewġt isjuf hawnhekk.’’
Ċ Ġesu’ qalilhom:
† “Biżżejjed!’’
Ċ Imbagħad ħareġ u mar bħas-soltu fuq il-Għolja taż-Żebbuġ, u d-dixxipli wkoll marru miegħu. Kif wasal hemmhekk qalilhom:
† “Itolbu li ma tidħlux fit-tiġrib.’’
Ċ Imbagħad tbiegħed minnhom daqs tefgħa ta’ ġebla u xteħet għarrkobbtejh jitlob u jgħid:
† “Missier, jekk inti trid, warrab minni dan il-kalċi! Iżda tkun magħmula r-rieda tiegħek, mhux tiegħi.
Ċ Deherlu anġlu mis-sema biex iwettqu, imma ħass dwejjaq tal-mewt fuqu, u beda jitlob b’ħerqa akbar. Il-għaraq sarlu bħal qtar sfiq tad-demm jiċċarċar sa l-art. Imbagħad qam mit-talb, mar ħdejn id-dixxipli u sabhom reqdin minħabba fis-swied ta’ qalb. U qalilhom:

† "Kif! Irqadtu? Qumu, itolbu, biex ma tidħlux fit-tiġrib!''
Ċ Kif kien għadu jitkellem, waslet ġemgħa nies. Quddiemhom kien hemm dak li jsejħulu Ġuda, wieħed mit-Tnax, u dan resaq lejn Ġesu' biex ibusu. Imma Ġesu' qallu:
† "Bewsa għażilt, Ġuda, biex 'il Bin il-bniedem tagħtih f'idejn l-għedewwa tiegħu?''
Ċ Dawk ta' madwaru, meta raw x'kien ġej, qalulu:
S "Mgħallem, tridx nagħtu bis-sejf?''
Ċ U wieħed minnhom ta daqqa ta' sejf lill-qaddej tal-qasis il-kbir u qatagħlu barra widintu l-leminija. Imma Ġesu' wieġeb u qal:
† "Ieqfu! Biżżejjed!''
Ċ U messlu widintu u fejqu. Imbagħad Ġesu' qal lill-qassisin il-kbar, lill-uffiċjali tat-Tempju u lix-xjuħ li kienu ġew għalih:
† "Qiskom ħriġtu għal xi ħalliel, armati bis-sjuf u l-bsaten! Meta kuljum kont inkun magħkom fit-Tempju, ma meddejtux idejkom fuqi. Imma din hi s-siegħa tagħkom u s-setgħa tad-dlamijiet!''
Ċ Imbagħad qabduh u ħaduh magħhom, u daħħluh fil-palazz tal-qassis il-kbir. Pietru baqa' miexi warajhom mill-bogħod, u meta qabbdu n-nar f'nofs il-bitħa u xteħtu bilqiegħda madwaru, Pietru mar qagħad bilqiegħda f'nofshom. Imma kif kien hemm bilqiegħda maġenb in-nar, ratu waħda qaddejja, waħħlet għajnejha fih u qalet:
S "Dan ukoll kien miegħu!''
Ċ Iżda hu ċaħad u qalilha:
S "Anqas biss nafu!''
Ċ Wara ftit rah xi ħadd ieħor u qallu:
S "Int ukoll wieħed minnhom.''
Ċ Imma Pietru wieġbu:
S "Le, sieħeb, miniex?''
Ċ Għaddiet xi siegħa, u reġa' kien hemm ieħor li beda jisħaq u jgħid:
S "Iva, tassew, dan ukoll kien miegħu, għax dan ukoll mill-Galilija.''
Ċ Iżda Pietru qallu:
S "Ma nafx x'inti tgħid.''
Ċ U minnufih, kif kien għadu jitkellem, is-serduk idden. U l-Mulej dar u ħares lejn Pietru; u Pietru ftakar fil-kelma li l-Mulej kien qallu, "Illum qabel ma jidden is-serduk, inti tkun ġa ċħadtni tliet darbiet.''
U ħareġ 'il barra jibki biki ta' qsim il-qalb.
L-irġiel li kienu qegħdin iżommu lil Ġesu' bdew igħadduh biż-żuffjett u jsawtuh; u għattewlu wiċċu u bdew jistaqsuh u jgħidulu:
S "Aqta' min tahielek did-daqqa!''
Ċ U qalulu ħafna kliem ieħor ta' tagħjir.
Meta sebaħ, tlaqqgħet il-ġemgħa tax-xjuħ tal-poplu, il-qassisin il-kbar u l-kittieba, u ħadu lil Ġesu' quddiem is-Sanhedrin tagħhom.
Qalulu:
S "Jekk inti l-Messija, għidilna.''
Ċ Iżda hu weġibhom:
† "Jekk ngħidilkom, ma temmnux; jekk nistaqsikom, ma tweġbux. Imma minn issa 'l quddiem Bin il-bniedem ikun qiegħed bilqiegħda n-naħa tal-lemin tal-qawwa ta' Alla.''
Ċ U lkoll qalulu:
S "Inti mela Bin Alla?''
Ċ Qalilhom Ġesu':
† "Intom stess qegħdin tgħiduh; iva, jien.''

Ċ U huma qalu:
S “Xi ħtieġa għandna iżjed ta’ xhieda? Għax smajnieha aħna minn fommu stess.’’
Ċ Imbagħad qamet il-ġemgħa kollha u marru bih għand Pilatu.

**II**

**(L-Evanġelju, jekk tinqara din it-tiena taqsima biss, jibda hekk):**

Ċ F’dak Iż-żmien: Ix-xjuħ tal-poplu u l-qasisin il-kbar u l-kittieba qamu u ħadu lil Ġesu’ għand Pilatu. U jkompli:)
Ċ U bdew jakkużawh u jgħidu:
S “Aħna sibna li dal-bniedem qiegħed ixewwex lill-ġens tagħna, li mhux iħalli lil min jagħti l-ħaraġ lil Ċesari, u li qiegħed igħid li huwa Messija, sultan.’’
Ċ Pilatu staqsieh u qallu:
S “Inti s-sultan tal-Lhud?’’
Ċ U hu wieġbu:
† “Inti stess qiegħed tgħidu.’’
Ċ Pilatu qal lill-qassisin il-kbar u lill-kotra tan-nies:
S “Ebda ħtija ma jiena nsib f’dan il-bniedem.’’
Ċ Iżda huma baqgħu jinsistu u jgħidu:
S “Qiegħed iqajjem lill-poplu u jgħallem fil-Lhudija kollha, ibda mill-Galilija sa hawnhekk stess.’’
Ċ Kif sema’ dan, Pilatu staqsa jekk ir-raġel kienx mill-Galilija, u meta sar jaf li hu kien min-naħa li kien jagħmel minnha Erodi, bagħtu jittella’ quddiemu, għax f’dawk il-jiem ħabat li Erodi wkoll kien Ġerusalem. Feraħ ħafna Erodi kif ra lil Ġesu’, għax minn dak li kien sema’ jingħad fuqu kien ilu żmien jixtieq jarah, bit-tama li jara xi sinjal minnu. U għamillu bosta mistoqsijiet, imma Ġesu’ ma wieġbu xejn. Il-qassisin il-kbar u l-kittieba, b’saħna kbira fuqhom, qagħdu jakkużawh. Imma Erodi, flimkien mas-suldati tiegħu, beda jmaqdru u jgħaddih biż-żuffjett, libbsu libsa bajda u reġa’ bagħtu quddiem Pilatu. Issa Erodi u Pilatu fl-imgħoddi kienu joboghdu lil xulxin, imma dak in-nhar saru ħbieb. Pilatu sejjaħ flimkien lill-qassisin il-kbar u l-kapijiet u l-poplu u qalilhom:
S “Ġibtuli quddiemi lil dan il-bniedem bħala wieħed li qiegħed ixewwex lill-poplu. Ara, jiena stħarriġtu quddiemkom fuq l-akkużi li qegħdin tagħmlu kontra tiegħu, u ma sibt ebda ħtija f’dar-raġel u anqas Erodi ma sab, għax reġa’ bagħtu quddiemna. Qegħdin taraw mela, li ma għamel ebda ħaġa li għaliha ħaqqu l-mewt. Għalhekk nagħtih is-swat u nitilqu.’’
Ċ Iżda huma qabdu jgħajtu lkoll f’daqqa:
S Neħħih lil dan! Itiliqilna l-Barabba!’’
Ċ Dan Barbabba kien bniedem mitfugħ il-ħabs minħabba f’rewwixta li kienet qamet fil-belt u għax kien qatel. Pilatu, billi ried jitlaq lil Ġesu’ għolla leħnu u reġa’ kellimhom; iżda huma qabdu jgħajtu aktar minnu u jgħidu:
S “Sallbu! Sallbu!’’
Ċ Għat-tielet darba qalilhom:
S “Imma dan x’għamel ħażin? Ma sibt fih ebda ħtija li ħaqqha l-mewt. Mela nagħtih is-swat u nitilqu.’’
Ċ Iżda huma b’ħafna għajjat baqgħu jinsistu u jitolbu li jiġi msallab, u l-għajjat tagħhom kompla jitqawwa. Imbagħad Pilatu qatagħha li jsir kif talbu huma. Telqilhom lil min talbu, jiġifieri lil dak li kien mitfugħ il-ħabs minħabba f’rewixta u qtil, u lil Ġesu’ tahulhom biex jagħmlu bih li riedu. Huma u sejrin bih, qabdu wieħed,

jismu Xmun, minn Ċirene, li kien ġej lura mir-raba', u għabbewh bis-salib biex iġorru wara Ġesu'. Kotra kbira ta'nies kienet miexja warajh, nisa l-iżjed, li bdew iħabbtu fuq sidirhom u jibkuh. Imma Ġesu' dar lejhom u qalilhom:
† "Ulied Ġerusalem, mhux lili ibku, iżda ibku lilkom infuskom u lil uliedkom. Għax, ara, għad jiġi żmien meta jgħidu, 'Hienja dik li ma għandhiex tfal, ħieni l-ġuf li qatt ma wiled u s-sider li qatt ma radda'! Imbagħad jibdew igħidu lill-muntanji, Aqgħu fuqna!', u lill-għoljiet, 'Ordmuna!' Għax jekk dan kollu qegħdin jagħmluh lill-għuda meta għadha ħadra, mela xi jsir minnha meta tinxef?''
Ċ Kien hemm ukoll tnejn oħra, żewġt irġiel ħżiena, li ttieħdu biex jitneħħew miegħu. Meta waslu f'post igħidulu l-Qorriegħa, hemmhekk sallbu lil Ġesu' u lit-tnejn il-ħżiena, wieħed fuq il-lemin u l-ieħor fuq ix-xellug. U Ġesu' qal:
† Missier, aħfrilhom, għax ma jafux x'inhuma jagħmlu.''
Ċ Imbagħad qasmu ħwejġu bejniethom bill tellgħuhom bix-xorti. Il-poplu waqaf hemm, iħares, waqt li l-kapijiet bdew igħajbuh u jgħidu:
S "Salva oħrajn, ħa jsalva lilu nnifsu jekk huwa hu l-Messija ta' Alla, il-Maħtur tiegħu!''
Ċ Is-suldati wkoll bdew igħadduh biż-żuffjett; u resqu lejh, newlulu nbid qares u qalulu:
S "Jekk inti s-sultan tal-Lhud, salva lilek innifsek!''
Ċ In-naħa ta' fuq rasu kien hemm ukoll kitba li kienet tgħid, "Dan is-sultan tal-Lhud.'' Wieħed mill-ħżiena li kienu mdendla beda jgħajru u jgħidu:
S "Int mintix il-Messija! Salva lilek innifsek u lilna.''
Ċ Imma qabeż l-ieħor, ċanfru u qallu:
S "Anqas minn Alla int ma tibża', int li qiegħed taħt l-istess kundanna? Tagħna hija ġusta, tassew, għax qegħdin nieħdu li ħaqqna ta' għemilna; imma dan ma għamel xejn ħażin.''
Ċ Imbagħad qal:
S "Ġesu', ftakar fija meta tiġi fis-saltna tiegħek.''
Ċ U hu wieġbu:
† "Tassew, ngħidlek, illum tkun miegħi fil-Ġenna.''
Ċ Għall-ħabta ta' nofsinhar waqgħet dalma kbira fuq il-pajjiż kollu sat-tliet, għax ix-xemx tgħajbet. Il-purtiera tas-santwarju ċċartet min-nofs. Imbagħad Ġesu għajjat għajta kbira u qal:
† "Missier, nerħi ruħi f'idejk.''
Ċ U kif qal hekk, ruħu ħarġet.
(Hawnhekk kulħadd jinżel għarrkobbtejh u jinżamm is-skiet għal ftit ħin).
Ċ Iċ-ċenturjun, meta ra x'ġara, beda jfaħħar lil Alla u jgħid:
S "Kien tassew bniedem ġust dar-raġel!''
Ċ U n-nies kollha li kienu nġabru hemm biex jaraw, meta raw dik il-ġrajja, reġgħu lura jħabbtu fuq sidirhom. Dawk kollha li kienu jafuh qagħdu jaraw kollox mill-bogħod; hekk ukoll xi nisa li kienu mxew warajh sa minn meta kien għadu fil-Galilija.

**III**

Ċ U kien hemm wieħed, jismu Ġużeppi, membru tal-Kunsill, imma raġel tajjeb u ġust li ma kienx qabel mal-membri l-oħra f'dak li riedu u għamlu. Kien mill-belt ta' Arimatija fil-Lhudija, u kien jistenna s-Saltna ta' Alla. Dan mar għand Pilatu u talbu l-ġisem ta' Ġesu; niżżlu mis-salib, keffnu f'liżar, u qiegħdu f'qabar maqtugħ fil-blat, li fih kien għadu ma tqiegħed ħadd. Dak in-nar kien jnum it-Thejjija, u s-Sibt kien ġa daħal. In-nisa, li kienu ġew mill-Galilija ma' Ġesu, marru wara Ġużeppi u raw il-

qabar u kif kien tqiegħed il-ġisem; imbagħad reġgħu lura u ħejjew il-fwejjaħ u l-ungwenti. Is-Sibt għaddewh fil-mistrieħ, skond il-preċett tal-Liġi.

**Il-Kelma tal-Mulej**
**It-Tifħir Lilek Kristu.**